# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 4.1

**Kap 4: Ħarsu ftit 'l hinn**

**Lezzjoni 4.1: Il-faqar x'ikun**

**L-għanijiet:**




**L-istudenti:**

1. jifhmu xi tfisser li tkun fqir;
2. jagħrfu d-diversi wċuħ tal-faqar;
3. jifhmu x'iġib miegħu l-faqar;
4. jiddiskutu kif jistgħu jgħinu lil dawk qrib tagħhom u li huma fqar.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- L-interactive whiteboard
- Year 4 4.1 worksheet
- Il-ppt *Dan x'inhu?*



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Ikteb fuq IWB il-kelma 'Milied'.
- Stieden lit-tfal jiddiskutu x'jiġihom f'moħħhom meta jaraw jew jiftakru f'din il-kelma. Din hija attività ta' *brainstorming*.



- Ħalli lit-tfal joħorġu dak li jiġi f'moħħhom dwar din il-festa.
- Asal għal kelma 'faqar'.

## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Spjega li għalkemm aħna naraw madwarna ħafna tiżjin, rigali u festini u ferħ, imma mhux kulħadd igawdi b'dan il-mod.
2. Stieden lit-tfal jirriflettu dwar min jista' jkun qed ibati f'dan iż-żmien.
3. Ikteb fuq l-IWB il-kelma 'faqar'.



4. Stieden lit-tfal isemmu t-tipi ta' faqar li jafu bih u ddiskuti dan is-suġġett magħhom. Tista' turihom il-ppt *Dan x'inhu?* u magħhom tiddiskuti l-faqar ta' żmienna.
5. Staqsi lit-tfal x'iġib miegħu l-faqar.
6. Stieden lit-tfal jaraw jekk hemmx xi ħadd qrib tal-komunità tagħhom li għandhom dan il-faqar. Iddiskuti kif jistgħu jgħinuhom.
7. Oħroġ il-punt ta' żjara lil xi anzjani, xi kartolini lil min hu marid, xi telefonata lil min qiegħed waħdu.

8. Stieden lit-tfal jifthu l-Ktieb tal-Attivitajiet 4.1 u wara li tispjega s-silta mogħtija, stieden lit-tfal biex jirrevedu flimkien Attività 1 fejn huma ser jerġgħu jiftakru fil-faqar li jkunu ddiskutew qabel.

9. Flimkien magħhom, araw kif ser issibu soluzzjoni għal dan il-faqar.

10. Spjega Attività 2 u fuq bażi ta' klassi ddiskuti mat-tfal ir-risposti t-tajbin.

11. Asal għal Attività 3. Kompli d-diskussjoni dwar kemm hu ikrah il-faqar.




12. Iddiskutu kif tistgħu tgħinu.

13. Agħlaq il-lezzjoni bit-talb tagħhom stess.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Hemm ħafna tipi ta' faqar.
2. Mhux min m'għandux flus biss huwa fqir. Hu fqir ukoll min m'għandu lil ħadd min iħobbu u jieħu ħsiebu.
3. Għandna faqar fejn il-persuni qed jitwarrbu u jitħallew weħidhom.
4. Il-faqar iġib miegħu ħafna tbatijiet. Iġib nuqqas ta' ikel, ta'edukazzjoni, nuqqas ta' kumdità.
5. Irridu niftakru li Ġesù wkoll twieled fqir.

## Nagħżlu flimkien (L-attidudni)

It-tfal jaħdmu biex fl-ambjent fejn jgħixu huma jkun hemm inqas faqar għaliex il-persuni ta' madwarhom ikunu jħossuhom maħbuba u li huma milqugħa kull fejn ikunu.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc



## Nitolbu

Ġesù għinna, biex f'dan iż-żmien li nippreparaw biex niċċelebraw it-twelid tiegħek, aħna nifhmu kemm twelidt fil-faqar biex issir bħalna f'kollox. Għinna biex bil-verità ngħinu wkoll lil dawk ta' madwarna.

